MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Numru 493/2006

Il-Pulizija
(Sup Mario Bonello)
vs
Joan Mangion, iben Carmelo, imwielda Birkirkara fis-27 ta' jannar, 1969

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata talli matul ix-xahar ta' frar, 2005 ġewwa Gwardamangia u f'dawn il-Gżejjer approprjat ruħha billi dawwret bi profit għaliha s-somma ta' sittin lira maltin (Lm60) liema somma kienet tinkorpora l-ammont globali ta' mija u tletin lira maltin (Lm130)li kienu ġew depositati għandha f'awissu, 2003 bħala depożitu fuq il-kera tal-fond ġewwa Gwardamangia skond il-kuntratt tal-kera ma Thomas u Sylvana Armatys magħmul min-Nutar Abela.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ ġunju, 2007 fejn seduta stante l-partijiet transigew il-pendenżi tagħhom u in vista ta’ dan il-fatt il-‘parte civile’ irtirat il-kwerela.

Għaldaqstant, in vista tal-fatt li l-kwerela ġiet irtirata tiddikjara l-proċediment eżawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------